32003R1988

L 295/54 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 13.11.2003

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1988/2003

tat-12 ta' Novembru 2003

li jistabbilixxi l-allokazzjoni tal-liċenzji għall-esportazzjoni ta' tipi ta' ġobon li jridu jiġu esportati fis-sena 2004 lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika taħt ċerti kwoti li jirriżultaw mill-Ftehimijiet tal-*GATT*

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u l-prodotti mill-ħalib [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1787/2003 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 30 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1471/2003 [3] jiftaħ il-proċedura sabiex jiġu allokati l-applikazzjonijiet għall-liċenzi għall-esportazzjoni ta' tipi ta' ġobon li jridu jiġu esportati fis-sena 2004 lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika taħt ċerti kwoti li jirriżultaw mid-diversi Ftehim tal-*GATT*.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 174/1999 tas-26 ta' Jannar 1999 li jistabbilixxi regoli speċjali ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament Nru 804/68 rigward il-liċenzi ta' l-esportazzjoni u r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fil-każ tal-ħalib u tal-prodotti mill-ħalib [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1948/2003 [5], jistabbilixxi fl-Artikolu 20(3) il-kriterji li jridu jiġu applikati sabiex jiġu allokati liċenzi proviżorji meta jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet għal dawn il-liċenzi rigward kwantità ta' prodotti li taqbeż waħda mill-kwoti rilevanti għas-sena in kwistjoni.

(3) Id-domanda għall-liċenzi għall-esportazzjoni għal uħud mill-kwoti u l-gruppi tal-prodotti wriet żieda sinifikanti u taqbeż, xi kultant bil-qawwi, il-kwantitajiet disponibbli. Dan jista' jwassal għal tnaqqis sostanzjali fil-kwantitajiet allokati għal kull applikant, biex b'hekk titnaqqas l-effiċjenza u l-effikaċja ta' l-iskema. B'żieda ma' dan, meta l-kwantitajiet allokati lill-kull operatur ikunu żgħar, l-esperjenza wriet li jkun hemm ir-riskju illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-operatur ma jkunx kapaċi jwettaq l-obbligu tiegħu sabiex jesporta bit-telf konsegwenti tal-garanzija.

(4) Sabiex tiġi ttrattata din is-sitwazzjoni, huwa approprjat li tiġi applikata għaqda tat-tliet kriterji riferiti fl-Artikolu 20(3) tar-Regolament (KE) Nru 174/1999. Skond il-punti (a) u (b) ta' dan l-Artikolu, il-liċenzi għandhom jiġu allokati bi preferenza għall-applikanti li kienu diġà mdaħħla fix-xogħol ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika li l-importaturi tagħhom huma sussidjarji nnominati u li esportaw kwantità tal-prodotti interessati lejn din id-destinazzjoni. B'żieda ma' dan, għandu jiġi applikat koeffiċjent tat-tnaqqis skond il-punt (ċ) ta' l-Artikolu 20(3) imsemmi.

(5) Fil każ tal-gruppi tal-prodotti u l-kwoti li l-kwantitajiet applikati għalihom jaqbżu biss bi ftit dawk disponibbli, l-applikazzjoni ta' l-għaqda tal-kriterji pprovvduta fl-Artikolu 20(3)(b) u (ċ) tar-Regolament (KE) Nru 174/1999 hija biżżejjed għalbiex jiġu allokati kwantitajiet vijabbli ekonomikament. Għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi għandha tingħata preferenza lill-applikanti li l-importaturi tagħhom huma sussidjarji, filwaqt li jiġi applikat koeffiċjent ta' tnaqqis.

(6) Fil-każ tal-gruppi tal-prodotti u l-kwoti li l-applikazzjonijiet iddepożitati għalihom huma għal kwantitajiet inqas minn dawk disponibbli, huwa approprjat, skond l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 174/1999, li tiġi pprovvduta l-allokazzjoni tal-kwantitajiet li jifdlu lill-applikanti fil-proporzjon tal-kwantitajiet applikati għalihom. L-allokazzjoni ta' dawn il-kwantitajiet iktar għandha tkun kondizzjonali fuq l-operatur interessat li jagħmel it-talba u jiddepożita garanzija.

(7) Il-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Ħalib u l-Prodotti mll-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Kull applikazzjoni għall-liċenzi proviżorji ta' l-esportazzjoni iddepożitati skond ir-Regolament (KE) Nru 1471/2003 rigward il-gruppi tal-prodotti u l-kwoti identifikati bħala Tokyo-16, l-Urugwaj-16, -17, -20 u -21, Tokyo-25 u l-Urugwaj-25 fil-kolonna 3 ta' l-Anness ta' ma' hawn

— mill-applikanti li juru esportazzjoni lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika tal-prodotti fil-kwistjoni matul mill-inqas waħda mit-tliet snin ta' qabel u li l-importaturi nnominati tagħhom huma sussidjarji tagħhom għandhom jiġu aċċettati skond il-koeffiċjenti ta' l-allokazzjonijiet fil-kolonna 5 ta' l-Anness,

— minn applikanti oħra għajr dawk ipprovvduti taħt l-ewwel inċiż li juru esportazzjoni lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika tal-prodotti fil-kwistjoni matul kull waħda mit-tliet snin ta' qabel għandhom jiġu aċċettati skond il-koeffiċjenti ta' l-allokazzjonijiet fil-kolonna 6 ta' l-Anness,

— minn applikanti oħra għajr dawk ipprovvduti taħt l-ewwel u t-tieni inċiżi ta' hawn fuq għandhom jiġu rrifjutati.

[1] ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 48.
[2] ĠU L 270, tal-21.10/2003, p. 121.
[3] ĠU L 211, tal-21.8.2003, p. 5.
[4] ĠU L 20, tas-27.1.1999, p. 8.
[5] ĠU L 287, tal-5.11.2003, p. 13.

2. Jekk il-kwantità allokata li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 1(1) tkun inqas minn żewġ tunnellati metriċi, l-applikanti jistgħu jirtiraw l-applikazzjoni tagħhom. F'dawn il-każijiet, għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament li, għalhekk, il-garanzija għandha tiġi rrilaxxjata minnufih. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament, bil-kwantità li tagħha ġew irtirati l-applikazzjonijiet u ġiet irrilaxxjata l-garanzija.

3. L-applikazzjonijiet għal-liċenzi proviżorji għall-esportazzjoni ddepożitati skond ir-Regolament (KE) Nru 1471/2003 rigward il-grupp tal-prodotti u l-kwoti ddefiniti mill-Urugwaj-18 ta' l-Anness ta' ma' hawn:

— mill-applikanti li l-importaturi nnominati tagħhom huma sussidjarji jiġu aċċettati skond il-koeffiċjent ta' l-allokazzjonijiet fil-kolonna 7 ta' l-Anness,

— mill-applikanti l-oħra għajr dawk ipprovvduti taħt l-ewwel inċiż għandhom jiġu aċċettati skond il-koeffiċjent ta' l-allokazzjonijiet fil-kolonna 8 ta' l-Anness.

4. L-applikazzjonijiet għal-liċenzi proviżorji għall-esportazzjoni ddepożitati skond ir-Regolament (KE) Nru 1471/2003 rigward il-grupp tal-prodotti u l-kwoti identifikati mit-Tokyo-22 u l-Urugwaj-22 fil-kolonna 3 ta' l-Anness għandhom ikunu aċċettati skond il-kwantitajiet mitluba. Fuq applikazzjoni oħra min-negozjant fi żmien 20 jum tax-xogħol mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u bla ħsara għad-depożitu tal-garanzija li tapplika, jistgħu jinħarġu liċenzi proviżorji għall-esportazzjoni għal iktar kwantitajiet skond il-koeffiċjent ta' l-applikazzjonijiet fil-kolonna 9 ta' l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Novembru 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

L-Identifikazzjoni tal-grupp skond in-Noti Addizzjonali ta' l-Iskeda tat-Tariffi Armonizzati ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika		L-Identifikazzjoni tal-Grupp u tal-kwota	Il-Kwantità disponibbli għas-sena 2004 (*t*)	Il-Koeffiċjent ta' l-allokazzjonijiet ipprovvdut fl-Artikolu 1(1)		Il-Koeffiċjent ta' l-allokazzjonijiet ipprovvdut fl-Artikolu 1(3)		Il-Koeffiċjent ta' l-allokazzjonijiet ipprovvdut fl-Artikolu 1(4)
In-Nru tan-Nota	Il-Grupp			L-Ewwel inċiż	It-Tieni inċiż	L-Ewwel inċiż	It-Tieni inċiż	
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)
16	Mhux ipprovvdut speċifikament(NSPF)	Tokyo-16	908,877	0,1965479	0,0655160	—	—	—
		Urugwaj-16	2 346,000	0,1513203	0,0504401	—	—	—
17	Tal-Moffa kaħla	Urugwaj-17	300,000	0,2147971	0,0715990	—	—	—
18	Iċ-Cheddar	Urugwaj-18	1 000,000	—	—	1,0000000	0,6671750	—
20	L-Edam/il-Gouda	Urugwaj-20	1 000,000	0,3259807	0,1086602	—	—	—
21	Tat-Tip Taljan	Urugwaj-21	700,000	0,2350571	0,0783524	—	—	—
22	Il-Ġobon Svizzeru jew *Emmenthaler* għajr dak tat-toqba	Tokyo-22	393,006	—	—	—	—	1,1089209
		Urugwaj-22	380,000	—	—	—	—	1,1377246
25	Il-Ġobon Svizzeru jew *Emmenthaler* tat-toqba	Tokyo-25	4 003,172	0,4294560	0,1431520	—	—	—
		Urugwaj-25	1 220,000	0,4484195	0,1494732	—	—	—